L-offerti għandhom ikunu f'envelop magħluq u indirizzat lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, Ħal Far. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti fl-Uffiċċju Prinċipali ta' l-ETC f'Ħal Far mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Marzu 2008.

It-titoli u l-kodiċi ta' l-offerti, kif imsemmija hawn fuq, għandhom jiġu indikati fuq l-envelop.

Il-Korporazzjoni żżomm id-dritt li taċċetta jew tirrifjuta, f'parti jew kollha kemm hi, xi jew kwalunkwe offerta li tasal.

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

European Social Fund (ESF) 18

The Employment and Training Corporation is receiving tenders from established organisations for the following:

ESF18/01/08. Design, printing and provision of manual for the literacy programme for persons seeking employment, as part of the ESF 18 programme.

ESF18/02/08. Publicity campaign on television for the literacy programme for persons seeking employment, as part of the ESF 18 programme.

Copies of the tender documents may be obtained from the Finance Division of the Corporation in Ħal Far from 8.00 a.m. to noon against a payment fee of €45 (Lm19.32) per document.

Tenders should be placed in a sealed envelope and addressed to the Chief Executive Officer, Employment and Training Corporation, Ħal Far. Tenders are to be deposited in the tender box at the ETC Head Office in Ħal Far by not later than noon of Thursday, 6th March 2008.

The tenders' titles and codes, as stated above, are to be indicated on the envelope.

The Corporation reserves the right to accept or refuse in part or whole, any or all of the tenders submitted.

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett Ko-Finanzjat mill-Unjoni Ewropea:
Fond Soċjali Ewropew (ESF)
Rati ta' Ko-Finanzjament: 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern Malti
Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
Project Part-Financed by the European Union:
European Social Fund (ESF)
Co-Financing Rate: 75% European Union, 25% Malta Government

Il-15 ta' Frar, 2008

15th February, 2008

KUNSILL LOKALI FLORIANA

Il-Kunsill Lokali Floriana jgħarraf illi offerti minn stabbilimenti ta' ikel u xorb għat-tqegħid ta' gabbani, inklużi drittijiet esklussivi, jintlaqgħu sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Frar 2008, għal waqt il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar ta' l-Art Mekkanizzat li se ssir nhar is-Sibt, il-5 ta' April 2008.

Id-dokumenti ta' l-offerti jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill, 15, Pjazza E.S. Tonna, il-Furjana, fuq ħlas ta' €20 (Lm8.59) il-wieħed.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-15 ta' Frar, 2008

FLORIANA LOCAL COUNCIL

The Floriana Local Council notifies that sealed tenders from food and beverages establishments will be received up to noon of Friday, 22nd February 2008, for the placing of kiosks, including exclusive rights, during the National Festival of Ground Mechanised Fireworks to be held on 5th April 2008.

The relevant documents can be collected from the Council's Offices, 15, Pjazza E.S. Tonna, Floriana, during office hours at a fee of €20 (Lm8.59) each.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

15th February, 2008

KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

Il-Kunsill Lokali San Ġwann jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Frar 2008, fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin immarkati bir-riferenzi relattivi għal:-

Avviż Nru. SGNLC/T/001/08. Xogħol ta' manutenzjoni ta' toroq u proġetti oħra f'San Ġwann.

Għandu jitħallas dritt ta' €60 (Lm25.76) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti relevanti għandhom jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill bil-ħlas kif jidher hawn fuq.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fid-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe offerta, anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Il-15 ta' Frar, 2008

SAN ĠWANN LOCAL COUNCIL

The San Ġwann Local Council notifies that:-

Sealed tenders marked with the relevant references are to be deposited in the tender box at the Council's Administrative Office by not later than noon of Friday, 29th February 2008, for:-

Advt. No. SGNLC/T/001/08. Road maintenance work and other projects in San Ġwann.

A fee of €60 (Lm25.76) is to be paid for each copy of tender document.

The relevant documents may be obtained from the Council's Administrative Office against the payment shown above.

Tenders submitted will be opened immediately after closing time.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

15th February, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

250

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-18 ta' Jannar, 2008 fuq rikors ta' HSBC BANK MALTA PLC, ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 3 ta' Marzu, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2008 li għandu jsir f'MILES STORE, TRIQ WENZU GAFÀ, QORMI, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand DOTT. PATRICK VALENTINO U PL LOUISA TUFIGNO nominati Kuraturi b'digriet tal-21 ta' Novembru 2007.

1. Fiat Coupe Reg Number P105TDE
2. Skrivaniji, 3 computers kompluti u ħafna parts u printers, televisions, surround system, Industrial Printing machine, revolving chairs, fridge, magna ta' torn, lawn mower, work bench, librerija, xkafef u ħafna oġġetti simili oħra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 11 ta' Frar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 18 January, 2008 on the application of HSBC BANK MALTA PLC., Monday, 3rd March, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 18th January, 2008 to be held at MILES STORE, TRIQ WENZU GAFÀ, QORMI of the following items seized from the property of DR PATRICK VALENTINO and PL LOUISA TUFIGNO nominated Curators by decree of the 21st November 2007.

1. Fiat Coupe Reg Number P105TDE
2. Office Desks, 3 complete computers and lots of parts, printers, televisions, surround system, industrial printing machine, revolving chairs, fridge, lathe machine, lawn mower, work bench, bookshelves, shelves and many other items.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 11th February, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

251

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Alexis Bonnici (K.I. 40582M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 23/08 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID ta' Kathleen Bonnici, fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 12 ta' Frar 2008

BRUNO ZAHRA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Alexis Bonnici (I.D. 40582M) filed an application under oath (No. 23/08 NC) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH of Kathleen Bonnici, in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today 12th February 2008

BRUNO ZAHRA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

252

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Jannar 2008, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 358/2004 NC, fl-ismijiet Camilleri Doris vs Camilleri Michael, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)

Imħallef: L-Onor. Noel Cuschieri LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)

Ċitazz. Nru. 358/04 NC

Doris Camilleri vs Michael Camilleri

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' l-attriċi datat 8 ta' Jannar 2008;

Tilqa' t-talba u tordna li fi żmien ġimgħa, min-notifika ta' dan id-digriet, il-konvenut jippreżenta nota ġuramentata kontenenti l-informazzjoni rikjesta mill-attriċi fir-rikors odjern; u tirriserva li f'każ ta' inadempjenza da parti tal-

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 16th January 2008, in the records of the Writ of Summons number 358/2004 NC, in the names Camilleri Doris vs Camilleri Michael, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Civil Court (Family Section)

Judge: Hon. Noel Cuschieri LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)

Writ of Summons Number 358/04 NC,

Doris Camilleri vs Michael Camilleri

The Court,

Saw the application of the plaintiff dated 8th January 2008;

Upholds the request and orders that within a week from the service of this decree, the defendant files a sworn note, containing the information required by the plaintiff in the present application; and reserves that in case of default, on

konvenut l-affidavits indikati fir-rikors jiġu sfilzati.

Illum 10 ta' Jannar, 2008.

Iffirmat: Anne Xuereb
Deputat Registratur.

Notifika: Michael Camilleri
Kimera,
Triq id-Dejma,
San Pawl tat-Tarġa.

Iċ-Ċitazzjoni Nru 358/04 NC, fl-ismijiet Camilleri Doris vs Camilleri Michael, jinsab differit għas-smigħ għas-27 ta' Marzu 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) 12 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the part of the defendants, the affidavits indicated in the application, be deleted.

Today 10th January 2008.

Signed: Anne Xuereb
Deputy Registrar.

Notify: Michael Camilleri
Kimera,
Dejma Street,
San Pawl tat-Tarġa.

The Writ of Summons Number 358/04 NC, in the names Camilleri Doris vs Camilleri Michael has been put off to the 27th March 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) 12th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

253

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Frar 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1297/07 FS, fl-ismijiet Debono Franco et vs Vassallo Paul, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Franco u Veronica konjugi Debono (karta ta' l-identità numru 355070(M) u 508873M) vs Paul Vassallo, fil-11 ta' Diċembru 2007, ir-rikorrenti, talbu l-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti, klandestin u vjolazzjoni ta' proprjetà fil-konfront ta' l-atturi …omissis…

2. Tikkundanna u tordna lill-konvenut, sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jerġa' jqiegħed lill-atturi fi stat ewlieni ta' godiment tad-dritt ta' pussess u użu tal-kolonna fuq imsemmija u cioè li jiġu integrati fid-drittijiet tagħhom li minnhom ġew spoljati mill-konvenut …omissis…

3. In difett li l-konvenut jagħmel dan fi żmien lilu mogħti mill-Qorti, l-atturi jiġu awtorizzati jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji u ordnati mill-Qorti huma stess u spejjeż u riskju tal-konvenuti kollox kif intqal fir-rikors …omissis…

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 4th Ferbruary 2008, in the records of the Sworn Application number 1297/07 FS, in the names Debono Franco et vs Paul Vassallo, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Franco and Veronica spouses Debono (Identity card number 355070(M) and 508873M) vs Paul Vassallo, on the 11th December 2007, the applicants, asked the defendant to state why this Honourable Court should not:

1. Declare and decide that the defendant committed a violent and clandestine spoliation of property as regards the plaintiffs …omissis…

2. Condemn and order the defendant, so, that within a short and peremptory period fixed by this Honourable Court, he shall put the plaintiffs in the original state of enjoyment of the right of possession and use of the column above mentioned and that is that they be reintegrated in their rights from which they were despoiled by the defendant …omissis...

3. In default that the defendant does this, within the time stipulated by the Court, the plaintiffs be authorized to carry out the necessary works ordered by the Court, themselves and at the expense and risk of the defendants, everything, as stated in the application …omissis…

Bl-ispejjeż, ...omissis… kontra l-konvenut, li minn issa jibqa' inġunt għas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi.

Xhieda.

Konvenuti: 31, Triq il-Ħemel, Swieqi.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1297/07 FS, fl-ismijiet Debono Franco et vs Vassallo Paul, jinsab appuntat għas-smigħ għal-20 ta' Frar 2008, fil-10.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs, …omissis… against the defendant, who is from now summoned so that a reference to his evidence be made and saving any other action due to the plaintiffs.

Witnesses.

Defendants: 31, Ħemel Street, Swieqi.

The Sworn Application number 1297/07 FS, in the names Debono Franco et vs Vassallo Paul, has been appointed for hearing, to the 20th February 2008, at 10.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 12th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

254

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Jannar 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1186/07 GV, fl-ismijiet Maltacom plc vs Malta Music Festival, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Maltacom p.l.c. (C 22334) u b'digriet tas-7 ta' Diċembru 2007, l-isem ġie mibdul għall-'Go plc' vs Malta Music Festivals Ltd (C 42077), s-soċjetà rikorrenti Maltacom p.l.c. talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Issib lis-soċjetà konvenuta ħatja ta' ksur ta' l-iSponsorship Agreement kawża ta' l-inadempjenza tagħha fl-osservanza tal-impenji u l-obbligi minnha assunti ai termini ta' l-iSponsorship Agreement, ċitat fir-Rikors;

2. Tordna lis-soċjetà konvenuta tirrifondi lura lis-soċjetà attriċi l-ammont sħieħ mħallas bħala Sponsorship Fee ta' €34,940.60 (Lm15,000);

3. Tillikwida dawk id-danni opportuni a favur tas-soċjetà attriċi u

4. Tordna lis-soċjetà konvenuta sabiex teffettwa l-ħlas ta' l-istess;

Bl-ispejjeż ...omissis... u bl-imgħaxijiet legali dekorrendo mill-wieħed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), kontra s-soċjetà konvenuta, li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Konvenuta: Malta Music Festivals Ltd, 30, Kenilworth /1, Triq Sir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex.

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 11th January 2008, in the records of the Sworn Application number 1186/07 GV, in the names Maltacom plc vs Malta Music Festival, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Maltacom p.l.c. (C 22334) and by decree of the 7th December 2007, the name was changed to 'Go plc' vs Malta Music Festivals Ltd (C 42077), the applicant company Maltacom p.l.c. respectfully prayed this Honoureable Court:

1.To find the defendant company, guilty of the violation of the Sponsorship Agreement due to its lack of observance of its duties and obligations assumed in terms of the Sponsorship Agreement, mentioned in the Application;

2. Order the defendant company, to refund to the plaintiff company, the full amount paid as Sponsorship Fee of €34,940.60 (Lm15,000);

3. Liquidate the opportune damages in favour of the plaintiff company and

4. Order the defendant company to effect payment of the same;

With costs ...omissis... and with legal interests, to run from the thirty first (31) of August of the year two thousand and seven (2007) against the defendant company, from now summoned, so that a reference to its evidence be made.

Defendant: Malta Music Festivals Ltd, 30, Kenilworth /1, Sir Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex.

Ir-Rikors Numru 1186/2007 GV, fl-ismijiet Maltacom plc vs Malta Music Festival, jinsab differit għall-25 ta' Frar 2008, fid-9.15 a.m., għan-notifika.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Application Number 1186/2007 GV, in the names Maltacom plc vs Malta Music Festival, has been put off to the 25th February 2008, at 9.15 a.m., in order that service be carried out.

Registry of the Superior Courts, today 12th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

255

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili Prim Awla, permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Jannar 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 750/07 GV, fl-ismijiet Bondin John et vs Farrugia Joseph et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla fl-ismijiet John and Josephine konjugi Bondin (K.I. 937150M u K.I. 358349M), fit-12 ta' Lulju 2007, ir-rikorrenti John u Josephine konjugi Bondin (K.I. 937150M u K.I. 358349M) talbu lil din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi fir-rikors:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimati kkommettew att ta' spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti;

2. Tordna r-reintegrazzjoni favur ir-rikorrenti, tal-pussess u d-detenzjoni tal-proprjetà li ġiet spoljata mir-rikorrenti, u dan fi żmien qasir u perentroju, …omissis…

3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex wara d-dekors inutili tat-terminu prefiss lill-intimati, huma stess jirrintegraw irwieħhom fil-pussess u d-detenzjoni tal-proprjetà in kwistjoni.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimati, li jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Lista ta' xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Notifika: Joseph Farrugia,
Salvatur Garage,
Triq Ġdida fi Triq Valletta,
Mqabba.

Ir-Rikors Numru 750/07 GV, fl-ismijiet Bondin John et vs Farrugia Joseph et, jinsab differit għas-27 ta' Frar 2008, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 21st January 2008, in the records of the Sworn Application number 750/07 GV, in the names Bondin John et vs Farrugia Joseph et, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court in the names John and Josephine spouses Bondin (I.D. 937150M) and I.D. 358349M) on the 12th July 2007, the applicants John and Josephine Bondin (I.D.937150M) and I.D.358349M) asked this Honourable, for the reasons premised in the application:

1. Decide and declare that the respondents committed a violent and clandestine spoliation towards the applicants;

2. Order the reintegration in favour of the applicants of the possession and detention of the property which was despoiled from the applicants, and this within a short and peremptory period, ...omissis…

3. Authorise the applicants so that after the useless passage of time fixed to the respondents, they reintegrate themselves in the possession and detention of the property in question.

With costs, against the respondents,who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

List of witnesses.

List of Documents.

Notify: Joseph Farrugia,
Salvatur Garage,
New Street in Valletta Street,
Mqabba.

The Application Number 750/07 GV, in the names Bondin John et vs Farrugia Joseph et, has been put off to the 27th February 2008, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 12th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

256

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Frar 2008, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 4497/07, fl-ismijiet United Acceptances Finance Ltd vs Al Gedidi Khaled et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Khaled Al Gedidi (150594M) ta' Trilithon Court, Nru. 11, Triq il-Klamari, San Pawl il-Baħar, u Sharon Al Gedidi (365173M), fl-1 ta' Awissu 2007, United Acceptances Finance Ltd (C360) ta' BMW Building, 1st Floor, Rue D'Argens, Gżira, jinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu s-somma ta' €502.03 (Lm215.52) import ta' kambjala, oltre l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Inthom avżati li għandkom id-dritt li topponu għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum minn notifika ta' dan l-att ġudizzjarju u dan ai termini ta' l-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibbli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 12 ta' Frar 2008

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 6th February 2008, in the records of the judicial letter number 4497/07, in the names United Acceptances Finance Ltd vs Al Gedidi Khaled et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Khaled Al Gedidi (150594M) of Trilithon Court, No 11, Triq il-Klamari, San Pawl il-Baħar, and Sharon Al Gedidi (365173M), on the 1st August 2007, United Acceptances Finance Ltd (C360) of BMW Building, 1st Floor, Rue D'Argens, Gżira, called upon so that within two days you pay the sum of €502.03 (Lm215.52) value of bills of exchange, besides legal interest from the date of every maturity till the effective payment.

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial act and this in terms of Article 253 Chapter 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th February 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

257

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Frar 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 501/07 NC, fl-ismijiet Jason Cassar vs Karen Cassar, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja

Rikors Numru 501/07 NC

Jason Cassar
Vs
Karen Cassar

It is hereby notified, that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 5th February 2008, in the records of the Sworn Application number 501/07 NC, in the names Jason Cassar vs Karen Cassar, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Civil Court Family Section

Application Number 501/07 NC

Jason Cassar
Vs
Karen Cassar

Appuntata 5/03/2007

Rikors Ġuramentat ta' Jason Cassar (ID Numru 245374M)

Jesponi reverentement;

Illi l-esponent qed jinżamm taħt arrest preventiv fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin kif ilu sa minn Mejju 2007;

Illi f'dawn ix-xhur illi hu ilu jinżamm taħt arrest preventiv, naturalment ma setax ikompli jaħdem u tilef l-impieg tiegħu;

Illi konsegwentement huwa ma għandu ebda introjtu;

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Robert Muscat, l-esponent intrabat u obbliga ruħu illi jħallas lil martu manteniment mensili fl-ammont ta' €256.23 (Lm110.00);

Illi b' diffikultajiet kbar fl-aħħar xhur huwa ħallas dawn l-obbligi biss grazzi għall-għajnuna ta' missieru anzjan;

Illi huwa impossibbli għall-missier l-esponent illi hu jkompli jħallas dawn l-ammonti mensili;

Illi s-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-esponent hija tant ħażina illi ma għandux minn fejn iħallas manteniment;

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex pendent lite, b'mod partikolari sakemm qed jinżamm taħt arrest preventiv fil-Faċilità Korrettiva teżentah mill-obbligu illi jħallas il-manteniment surreferit, salv kull provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuna.

Notifika: Jason's Flats, Nru. 1, Triq tal-Wej, Mosta.

Ir-Rikors Numru 501/07 NC, fl-ismijiet Cassar Jason vs Cassar Karen jinsab appuntat għas-smigħ għall-Erbgħa, 5 ta' Marzu 2008, Awla 23, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 13 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Appointed 5/03/2007

Sworn Application of Jason Cassar (Id number 245374M)

Respectfully pleads;

That the applicant is being kept under preventive custody at the Kordin Correctional Facility since May 2007;

That during these last months that he has been kept under preventive custody, naturally he could not continue to work and lost his employment;

That consequently he has no income;

That by a contract in the records of Notary Dr. Robert Muscat, the applicant bound himself to pay his wife a monthly maintenance of €256.23 (Lm110.00);

That with huge difficulties during these last months he paid these obligations only thanks to the help of his old aged father;

That it is impossible for the father of the applicant to continue to pay these monthly amounts;

That the financial situation of the applicant is so bad that he cannot pay the maintenance;

Thus the applicant, pleads with respect that this Honourable Court pendente lite and in particular till he is kept under preventive arrest at the Correctional Facility he be exmpted from his obligation to pay the above mentioned maintenance, saving any provision that this Honourable Court, deems fit and opportune.

Notify: Jason's Flats, No. 1, Tal-Wej Street, Mosta.

The Application Number 501/07 NC, in the names Cassar Jason vs Cassar Karen, has been appointed for hearing, to Wednesday, 5th March 2008, Hall 23, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 13th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

258

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta'digriet mogħti fid-19 ta' Ottubru 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 2873/2007, Accordia Ltd C 24162 vs Carlton Holdings Ltd et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika, fil-konfront tas-soċjetà Carlton Holdings Ltd, biss, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Ilum 20 ta' Lulju 2007

Lill 1. Carlton (Holdings) Limited – C 9944
2. Adrian Azzopardi ID 661261(M)

Is-soċjetà Accordia Limited C 24162 tagħmel riferenza għall-iskrittura ta' lokazzjoni datata dsatax (19) ta' Ġunju 2001, tal-fond 'Ozbeck House' ġa La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, u tinterpellakom tħallsu solidalment bejnietkom is-somma ta' €27,253.67 (Lm11,700) rappresentanti arretrati ta' kera.

Fin-nuqqas tipproċedi kontra tagħkom skond il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Mittenti: 222, The Strand, Gżira.

Intimat: 1. Carlton (Holdings) Limited, 285, Flat 5, Blk. B, Spettru Bldgs, Constitution Street, Mosta.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 19th October 2007, in the records of the judicial letter number 2873/2007, Accordia Ltd C 24162 vs Carlton Holdings Ltd et, ordered the following publication for the purpose of service of the company Carlton Holdings Ltd, only in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 20th July 2007

To 1. Carlton (Holdings) Limited – C 9944
2. Adrian Azzopardi ID 661261(M)

The Company Accordia Limited C 24162 refers to the lease agreement dated nineteenth (19) of June 2001, of the premises 'Ozbeck House' previously La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, and calls upon you in solidum between you, to pay the sum of €27,253.67 (Lm11,700) representing arrears of rent.

Failing which they shall proceed against you according to law.

With costs and legal interest.

Interpellant: 222, The Strand, Gżira.

Respondent: 1. Carlton (Holdings) Limited, 285, Flat 5, Blk B, Spettru Bldgs, Constitution Street, Mosta.

Registry Superior Courts, today 13th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

259

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fis-7 ta' Frar, 2008 fuq rikors ta' LOMBARD BANK MALTA PLC ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 26 ta' Marzu, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-7 ta' Frar, 2008 li għandu jsir f' QORTI TA' MALTA, SEZZJONI SUBBASTA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand DR RICHARD SLADDEN u PL VICTOR BUGEJA Kuraturi b'Digriet tat-28 ta' Diċembru 2007.

Arloġġ Rolex bil-brazzuletta tad-deheb stmat li jiswa €11,413.93 (Lm4,900).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 13 ta' Frar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 7th February, 2008 on the application of LOMBARD BANK MALTA PLC, Wednesday, 26th March, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 7th February, 2008 to be held at COURTS OF MALTA, SUBBASTI SECTION, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following items seized from the property of DR RICHARD SLADDEN and PL VICTOR BUGEJA Curators by Decree of the 28th December 2007.

Wrist watch Rolex brand with gold bracelet estimated for €11,413.93 (Lm4,900).

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 13th February, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

260

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar mogħti fid-19 ta' Diċembru 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Avviż ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) il-kawża Avviż Numru 202/06RFA fl-ismijiet Maltacom p.l.c. u b'digriet tat-28 ta' Novembru 2007 l-isem tas-soċjetà ġie mibdul għal Go plc vs Carmen Bonavia bħala eredi ta' Joseph Bonavia (ID191563M), li kienet ġiet mibgħuta Sine Die fis-16 ta' Marzu 2007 tqiegħdet għas-smigħ għad-29 ta' Frar 2008 fin-12.30 p.m. quddiem il-Ġudikatur Dr Raphael Fenech Adami.

Notifika Carmen Bonavia – 46, Lourdes, Triq Ġużeppi Hyzler, Mosta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 13 ta' Frar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of the 19th December 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Notice of a cause which was set down again for hearing issued by the Registry of the Courts of Magistrates (Malta) the cause Notice Number 202/06RFA, in the names Maltacom plc (C22334) and by a decree of the 28th November 2007 the name of the company was changed to Go plc vs Carmen Bonavia as heir of Joseph Bonavia (ID191563M), has been Sine Die since 16th March 2007 was set down again for hearing on 29th February 2008 at 12.30 p.m. before the Adjudicator Dr Raphael Fenech Adami.

For the purpose of service Carmen Bonavia – 46, Lourdes, Triq Ġużeppi Hyzler, Mosta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 13th February 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

261

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Frar 2008 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Anthony Sammut (ID No 58253M) ta' Marina Palace Home, Ix-Xatt ta' l-Imsida, Msida, ppreżenta Talba fis-17 ta' Mejju 2007 fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Joseph Camenzuli (ID830744M) u Christine Camenzuli (ID 11064A) ta' 137/6, Triq it-Torri, Sliema, sabiex iħallsu lill-attur is-somma ta' €6,988.12 (Lm3,000) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Nru 136/07MM) hija differita għat-28 ta' Frar 2008 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 13 ta' Frar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 6th February 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Anthony Sammut (ID 58253M) of Marina Palace Home, Ix-Xatt tal-Imsida, Msida, filed a Claim on the 17th May 2007, whereby he asked the Court to condemn Joseph Camenzuli (ID 830744M) and Christine Camenzuli (ID11064A) of 137/6, Triq it-Torri, Sliema, to pay the plaintiff the sum of €6,988.12 (Lm3,000) which amount is due to the plaintiff.

With costs and interest.

The case (Notice Number 136/07MM) is put off to the 28th February 2008 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 13th February 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

262

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Diċembru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) u b'digriet tas-7 ta' Diċembru 2007 l-isem tas-soċjetà attriċi ġie mibdul għal Go plc ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fid-19 ta' Lulju 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Al Solaiman Torki (ID301297M) ta' 59, Carmen, Penthouse 1, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,494.06 (Lm1,500) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (582/07RFA) hija differita għad-29 ta' Frar 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 13 ta' Frar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 7th December 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) and by a decree of the 7th December 2007 the name of the company was changed to Go plc of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 19th July 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Al Solaiman Torki (ID 301297M) of 59, Carmen, Penthouse 1, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €3,494.06 (Lm1,500) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 582/07RFA) is put off on the 29th February 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 13th February 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

263

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Jannar 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 98/07 GV, fl-ismijiet Louis u Emanuela sive Lily De Bon vs Stefania Micallef u Mario Cachia f'ismu proprio kif ukoll għan-nom ta' Plumelec Limited, għal kull interess li jista' jkollha, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Mario Cachia personalment, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Louis u Emanuela sive Lily De Bon vs Stefania Micallef u Mario Cachia f'ismu proprio kif ukoll għan-nom ta' Plumelec Limited, għall-kull interess li jista' jkollha, fis-26 ta' Jannar 2007, ir-rikorrenti talbu l-konvenuti, jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex;

1.Tiddikjara l-konvenuti ħatja ta' ksur ta' ftehim li kien jikkonsisti f'li l-maħżen in kwistjoni, wara li jinbiddel is-saqaf, ikun fl-istat oriġinali li kien qabel ma bdew ix-xogħlijiet fis-saqaf, ...omissis…

2. Tikkundanna lill-konvenuti jagħmlu dawn ix-xogħlijiet u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi, jagħmlu x-xogħlijiet li hemm bżonn a spejjeż tal-konvenuti …omissis…

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 25th January 2008, in the records of the Sworn Application number 98/07 GV, in the names Louis and Emanuela sive Lily De Bon vs Stefania Micallef and Mario Cachia in his own name as well as in the name of Plumelec Limited, for any interest it might have, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant Mario Cachia personally, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Louis and Emanuela sive Lily De Bon vs Stefania Micallef and Mario Cachia in his own name as well as in the name of Plumelec Limited, for any interest it might have, on the 26th January 2007, the applicants asked the defendants to state why this Court should not;

1. Declare the defendants guilty of a violation of the agreement which consists in that the garage in question, after the roof is changed, shall be in the original state, it was before 'the works on the roof were started, ...omissis…

2. Condemn the defendants to carry out these works and in default to authorize the plaintiffs to carry out the necessary works at the expense of the defendants …omissis…

3. Tiddikjara li l-mod ta' kif ġie mibni t-taraġ mill-konvenuti ma ġiex mibni skond il-konċessjoni u l-ftehim li sar ma' l-atturi;

4. Tillikwida d-danni li soffrew l-atturi kawża tal-mod kif ġie mibni t-taraġ mill-konvenuti;

5. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni likwidati li sofrew l-atturi u jew tikkundanna lill-konvenuti jagħmlu dawk ix-xogħlijiet sabiex it-taraġ ikun mibni skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jagħmlu x-xogħlijiet li hemm bżonn …omissis…

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Notifika: Mario Cachia, Plumelec Ltd, 67, Ninu Cremona Street, Paola.
Plumelec Ltd, 3, Triq il-Qaliet, Marsascala.

Ir-Rikors Numru 98/07 GV, fl-ismijiet De Bon Louis et vs Micallef Stefania et pro et noe jinsab differit għall-25 ta' Jannar 2008, fil-10.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Declare that the manner in which the staircase was built by the defendants, was not built according to the concession and the agreement made with the plaintiffs;

4. To liquidate the damages suffered by the plaintiffs, due to the manner in which the staircase was built by the defendants;

5. Condemn the defendants to pay the damages liquidated by the plaintiffs or condemn the defendants to carry out those works so that the staircase be built according to the agreement between the parties and failing which to authorize the plaintiffs to carry out the necessary works…omissis…

With costs and the defendants are summoned so that a reference to their evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Notify: Mario Cachia, Plumelec Ltd, 67, Ninu Cremona Street, Paola.

Plumelec Ltd, 3, Qaliet Street, Marsascala.

The Application Number 98/07 GV, in the names De Bon Louis et vs Micallef Stefania et pro et noe, has been put off to the 25th January 2008, at 10.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 13th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

264

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fis-7 ta' Frar, 2008 fuq rikors ta' JEFRIN GRECH ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 12 ta' Marzu, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-7 ta' Frar, 2008 li għandu jsir f'FUQ TAL-BLAT, QORMI ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand AARON MIZZI.

Vettura ERF tal-kulur blu bin-numru tar-reġistrazzjoni AHQ 054.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 13 ta' Frar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 7th February, 2008 on the application of JEFRIN GRECH, Wednesday, 12th March, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 7th February, 2008 to be held at FUQ TAL-BLAT, QORMI of the following items seized from the property of AARON MIZZI.

Vehicle ERF blue colour with registration number AHQ 054.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 13th February, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

265

Ikun jaf kulħadd, illi Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ottubru 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1021/2007 AL, fl-ismijiet Maltacom plc u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2008, il-kelma 'Maltacom plc' inbidlet għal 'Go plc' vs Glotel Limited, fit-2 ta' Ottubru 2007, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Maltacom p.l.c. (C 22334) u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2008, il-kelma 'Maltacom p.l.c. inbidlet għal 'Go plc' vs Glotel Limited (C33223), ippreżentat fit-2 ta' Ottubru 2007, is-soċjetà rikorrenti, talbet lil din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti opportuni;

Tiddeċiedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smigħ, a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €29,313.04 (Lm12,584.09) rappreżentanti kera u konsum għas-servizzi telefoniċi kif jingħad fuq, u skond id-dokument anness markat Dok. 'B'.

Bl-ispejjeż, ...omissis… u bl-imgħaxijiet, mid-data ta' l-ittra uffiċjali indikata fir-rikors kontra s-soċjetà konvenuta, li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Notifika: 238, Casa Martina, Triq l-Imħallef William Harding, Pembroke.

Lista tax-xhieda.

Elenku tad-Dokumenti Annessi.

Ir-Rikors Numru 1021/2007 AL, fl-ismijiet Maltacom p.l.c. u b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' Jannar 2008, il-kelma 'Maltacom p.l.c. inbidlet għal 'Go plc vs Glotel Limited, li għandu jinstemma bil-proċedura tal-giljottina, ġie differit għan-notifika tas-soċjetà konvenuta, għat-28 ta' Frar 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 23rd October 2007, in the records of the Sworn Application number 1021/2007 AL, in the names Maltacom plc and by decree of the 17th January 2008, the word 'Maltacom plc ' was changed to 'Go plc' vs Glotel Limited, on the 2nd October 2007, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application, in the names Maltacom p.l.c. (C 22334) and by decree of the 17th January 2008, the word 'Maltacom p.l.c. was changed to 'Go plc' vs Glotel Limited (C 33223), filed on the 2nd October 2007, the applicant company, prayed this Honourable Court, for the reasons premised in the application, saving the necessary declarations and opportune provisions;

Decide this application without proceeding to a hearing in terms of Article 167 et sequitur of Chapter 12 of the Laws of Malta;

Condemn the defendant company to pay the plaintiff company the sum of €29,313.04 (Lm12,584.09) representing rent and telephone services bill as stated above and according to the attached document marked 'B'.

With costs ….omissis…. and interests from the date of the judicial letter, indicated in the application against the defendant company, who is from now summoned so that a reference to its evidence be made.

Notify: 238, Casa Martina, Judge William Harding Street, Pembroke.

List of Witnesses.

List of Documents Attached.

The Application Number 1021/2007 AL, in the names Maltacom p.l.c. and by decree of the 17th January 2008, the word 'Maltacom p.l.c. was changed to 'Go plc vs Glotel Limited' which is to be heard by special summary proceedings, is put off in order that service of the defendant company, be carried out to the 28th February 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 13th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*